# IL-FESTA TAL-MADONNA TAD-DUTTRINA (1858-1898)

*Minn Wistin L. Zammit B.A. (Hons.) M. A.*

Fost il-festi li ta' kull sena jiġu ċċelebrati fil-Kolleġjata Elenjana insibu dik tal-Madonna tad-Duttrina. Din il-festa hija waħda mis-sitt Festi Prepositali, u l-għada filgħodu l-prepostu jmexxi konċelebrazzjoni solenni. Fil-għaxija mbagħad wara l-vespri u quddiesa issir il-purċissjoni bil-vara tal-Madonna tad-Duttrina. Dan il-programm kien jiġi esegwit meta l-festa kienet tiġi ċċelebrata l-Ħadd. Billi f'dawn l-aħħar snin il-festa qiegħda ssir fost il-ġimgħa sar xi bdil fil-programm. Hekk insibu li fl-1991, il-Festa ġiet ċċelebrata fost il-ġimgħa, fil-fatt saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju, 1991. Għaldaqstant il-quddiesa Prepositali saret nhar il-festa filgħaxija u wara saret il-purċissjoni tal-vara tal-Madonna tad-Duttrina.

Sas-snin sebgħin ta' dan is-seklu, is-Sekondi Vespri ta' din il-Festa kienu jsiru bl-orkestra mmexxija mis-

*ikompli f'paġna 67*


**TONIO CORTIS**

*THOMAS FENECH STREET*
*BIRKIRKARA TEL: 492645*

*Auto Electrician*
*and Best Quality Audio Installation*

*Also Available:*
*Speakers – Stereos – Sub-Woofers – Amplifiers*
*– CD. Players – Equalisers*

Surmast Ġużeppi Camilleri u nhar il-festa filgħaxija kienet tieħu sehem waħda mill-baned ta' B'Kara.

### Il-Festa fl-1858

Fis-seklu l-ieħor din il-festa kienet tiġi ċċelebrata b'solennità akbar kif se naraw f'dan l-artiklu.

L-ewwel tagħrif li sibt dwar din il-festa huwa tas-sena 1858. Insibu li f'dik is-sena l-Festa ġiet iċċelebrata l-Ħadd 16 ta' Mejju. Gazzetta lokali tgħidilna li kien hemm il-mixgħela, u li lejlet il-festa il-faċċata tal-knisja kienet mixgħula minn fuq s'isfel. Kien hemm ukoll il-mixgħela fit-toroq.

Nhar il-festa filgħodu kien hemm quddiesa solenni bl-orkestra taħt id-direzzjoni tas-Surmast Nani, qaddes il-Kan. Prepostu Dun Kalċ Agius u l-paneġierku sar mill-Kanonku tal-Katidral Dun Filippu Amato. Wara nofsinhar saru s-Sekondi Vespri bil-mużika tas-Surmast Nani, u wara purċissjoni. L-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno għamel żjara f'B'Kara fl-okkażjoni tal-Festa.[1]

Il-Festa baqgħet tiġi ċċelebrata fis-snin ta' wara, u f'dan l-artiklu se nagħtu xi dettalji.

### Il-Preżenza ta' l-Isqof

Fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' l-1860, li ħabtet nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju 1860, L-Isqof Fornu mar iqaddes fil-kolleġjata Elenjana. Huwa kien assistit mill-Vigarju Ġenerali u mill-Kan. Teżorier tal-Katidral Dun Kalċidon Falzon[2] Erba' snin wara (1864), nhar il-festa tal-Madonna tad-Duttrina (8.V.1864), l-Isqof reġa' mar B'Kara, akkumpanjat minn żewġ kanonċi tal-Katidral. Hemmhekk qaddes quddiesa letta u qarben numru kbir ta' nies[3]

### Il-Paniġierku

Il-Paniġierku kien u għadu parti importanti minn kull festa. Sejrin hawnhekk nagħtu l-ismijiet ta' xi saċerdoti li għamlu l-paniġierku f'din il-festa.

1870 Dun Ġużepp Scerri[4]
1871 Dun Salv Gaffiero, Kappillan tal-Furjana[5]
1884 Kan. Dun Ġwann Bugeja[6]

### Mużika

Missirijietna kienu jagħtu importanza kbira lill-Mużika fil-Festi. Fis-snin tas-seklu l-ieħor kien hemm żewġ surmastrijiet kbar tal-Mużika, dawn kienu s-Surmast Vincenzo Bugeja u s-Surmast Paolo Nani u t-tnejn kellhom l-ammiraturi tagħhom.

Insibu li s-Surmast Nani ħabbat fil-festi tal-Madonna tad-Duttrina ta' l-1858, 1871 u l-1873.[7]

Iżda fil-festa ta' l-1874, insibu tibdil fil-Mużika. Fil-fatt minn gazzetta lokali, nafu li f'dik is-sena l-Mużika sagra tal-quddiesa l-kbira u l-parti l-kbira ta' l-Għasrien kienu komposti u mmexxija mill-magħruf Professur tal-Mużika Tommaso Galea, Surmast tal-Banda tar-Royal Malta Fencible Artillery.

*ikompli f'paġna 68*

Għal din l-okkażjoni nġiebet orkestra tajba u bosta kantanti li l-parti l-kbira tagħhom kienu jkantaw fit-Teatru Rjal. Is-sinjuri Proni, Medici, Del Riccio u F. Decesare kantaw l-ewwel biċċiet. Fl-Għosrien, "Deus in Adiutorum" u "Juravit" żewġ kapolavuri komposti għall-okkażjoni mis-Surmast Galea, ġew esegwiti b'mod tajjeb ħafna minn Mediċi u Proni rispettivament.

Wara l-Għasar il-Kan. Prepostu Dun Salv Spiteri u numru kbir ta' Karkariżi marru għand is-Surmast biex jifirħulu. L-istess gazzetta tgħidilna li folla kbira ta' nies mill-irħula viċin, il-belt Valletta u bliet oħra, marru biex jisimgħu l-mużika . [8]

Fil-festa tas-sena ta' wara 1875, il-mużika tal-quddies l-kbira u tal-Għosrien reġgħu kienu tas-surmast T. Galea. Għall-okkażjoni nġiebu orkestra tajba, u bosta kantanti ġew mistiedna għall-okkażjoni. Is-Sinjuri Proni, Medici, Conti, Fleri u Decesare kantaw l-ewwel biċċiet. [9]

Is-Surmast Galea reġa' ħabbat il-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' l-1876, u l-1884 [10]. Rigward il-festa ta' l-1885 nsibu li l-mużika kienet bħassoltu fdata f'idejn is-Surmastrijiet Tommaso Galea u Francesco Decesare, u l-istess nsibu fl-1886. [11] F'Avviż rigward din il-festa ta' l-1894, insibu li l-mużika kellha tkun ta' Francesco Decesare [12], iżda fil-festa tas-sena 1897 insibu li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Bugeja [13].

*ikompli f'paġna 71*

JOHN PARNIS
PHOTOGRAPHY

**330, Triq id-Duluri**
**Ħamrun, ĦMR 08, Malta**
**Telephone: 223736, 484746**
**Cellular: 099 3389**
**Fax: 483006**

**Prokuraturi**

Biex festa tirnexxi, irid jeżisti prokuratur u hekk insibu f'din il-festa. Se nagħtu hawnhekk l-ismijiet ta' xi prokuraturi li ltqajna magħhom.

1859 Dun Fortunatu Valletta [14]
1870 Kan. Penitenzier Dun Ġużepp Charbom li kellu l-għajnuna tas-Sur Feliċ Borg [15]

Fi kronaka ta' din il-festa tad-Duttrina li saret nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 1884, jingħad biss li l-Prokuratur tal-knisja kien il-Kan. Dun Naz. Micallef. Dan aktarx ifisser li kien ukoll il-Prokuratur tal-Festa tad-Duttrina [16]. Filwaqt li fl-1886 jingħad li l-Prokuratur kien il-Kan. Dun Naz Micallef. [17]

**Mixgħela - Tiżjin - Logħob tan-Nar u Baned**

Fil-festa tas-sena 1858 tissemma l-mixgħela tal-faċċata tal-knisja u tat-toroq [18], filwaqt li fil-Festa ta' l-1870 insibu li kien hemm il-mixgħela, logħob tan-nar u baned. [19]

Fil-festa ta' l-1879 insibu li matul il-purċissjoni banda ta' dilettanti tar-raħal taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tommasi Galea, daqqew fil-pjazza quddiem il-knisja. Iżda minħabba l-qagħda tal-Papa Piju IX, wara l-okkupazjoni ta' Ruma mit-truppi Taljani f'Settemrbu 1870, f'din is-sena ma kienx hemm mixgħela u lanqas logħob tan-nar. [20]

Fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' l-1884 insibu li kien hemm il-mixgħela u l-logħob tan-nar. [21] Dawn jerġgħu jissemmew fil-festa ta' l-1886, meta daqqew żewġ baned "Prince of Wales" u banda minn B'Kara. [22].

Għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina ta' l-1897, insibu li t-toroq ta' B'Kara kienu mżejna sewwa u mixgħula, u li daqqew bosta baned fosthom il-Banda "Prince of Wales" tal-Belt. [23]

**Noti**

1 L'Ordine 21.V.1858
2. ibid., 25.V.1860
3. ibid., 13.V.1864
4. ibid., 2.IV.1870
5. La Croce di Malta 24.V.1871
6. L'A(mico) D(el) P(opulo) 26.V.1884
7. L'Ordine 21.V.1858, La Croce di Malta 24.V.1871, Lo Smascheratore 31.V.1873.
8. The Malta News 20.V.1874
9. ibid., 12.V.1875
10. The Malta News, 31.V.1876, A.D.P. 26.V.1884
11. Il Risorgimento 22.V.1885
12. Ibid.5.V.1894
13. Il-Palnota 31.V.1897
14. Il-Gazzettier Malti 10.VIII. 1859
15. L'Ordine 2.VI. 1870
16. A.D.P. 26.V.1884
17. Il Risorgimento 7.VI.1886
18. L'Ordine 21.V.1858
19. L'Ordine 2.VI.1870
20. La Croce Di Malta 24.V.1871
21. A.D.P. 26.V.1884
22. il Risorgimento 7.VI. 1886
23. Il-Patriot 31.V.1897